Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 29 ta' Novembru 2016**
**(OR. en)**

**14835/16**
**ADD 3**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0365 (COD)**

**EF 360**
**ECOFIN 1116**
**CODEC 1735**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 29 ta' Novembru 2016 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | SWD(2016) 369 final |
| Suġġett: | DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012 u (UE) Nru 2015/2365 |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2016) 369 final.

---

Mehmuż: SWD(2016) 369 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.11.2016
SWD(2016) 369 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

# SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

***Li jakkumpanja d-dokument***

**Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012 u (UE) Nru 2015/2365**

{COM(2016) 856 final}
{SWD(2016) 368 final}

| Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv |
|---|
| Valutazzjoni tal-Impatt dwar proposta għal qafas li jiżgura l-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' kontropartijiet ċentrali (CCPs) |
| **A. Ħtieġa ta' azzjoni** |
| **Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?** |
| Il-falliment ta' istituzzjoni finanzjarja għandu l-potenzjal li joħloq effett ta' kontaġju lil istituzzjonijiet oħra b'mod partikolari meta l-proċeduri normali ta' insolvenza joħolqu din it-theddida għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha kemm hi. F'dawn il-każijiet, l-Istat jista' ma jkollux għażla ħlief li jsalva l-istituzzjoni bi flus il-kontribwenti, minħabba li nuqqas ta' azzjoni mill-Istat jista' jirriżulta fi kriżi sistemika u jimplika telf enormi għall-ekonomija. Reċentement kien meħtieġ intervent mill-Istat għas-spejjeż tal-kontribwenti biex jiġu salvati ħafna banek ħalli tittaffa kriżi sistemika bħal din. Bi tweġiba, ir-regolamentazzjoni prudenzjali tal-UE għall-banek ġiet imsaħħa b'mod konsiderevoli u, fuq kollox ġie stabbilit qafas ġdid — id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD) — li tat is-setgħa lill-awtoritajiet rilevanti biex jiżguraw li falliment ta' bank iseħħ fl-ordni. Id-direttiva tobbliga lill-banek biex jippreparaw b'mod aktar effettiv għall-ġestjoni ta' diffikultà finanzjarja, tagħti lill-awtoritajiet kompetenti setgħat ta' intervent bikri f'bank li qed ifalli jew x'aktarx ifalli, tistabbilixxi sett komuni ta' strumenti ta' riżoluzzjoni għall-ġestjoni ta' falliment u talloka kwalunkwe telf finanzjarju fost il-partijiet interessati fil-bank. Il-BRRD, għalhekk, tiffaċilita r-ristrutturar ta' bank li jkun qed ifalli jew x'aktarx ifalli mill-awtoritajiet pubbliċi, filwaqt li jiġu minimizzati spejjeż għall-kontribwenti.<br><br>Kontroparti ċentrali (CCP) tintervjeni bejn il-kontropartijiet fi tranżazzjoni finanzjarja biex tassumi u twettaq id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tagħhom, taġixxi bħala akkwirent għal kull bejjiegħ u bħala l-bejjiegħ għal kull akkwirent għal sett speċifikat ta' kuntratti. Filwaqt li s-CCPs huma inqas vulnerabbli għal falliment meta mqabbla mal-banek, madankollu huma mhumiex ma immuni. Jeżisti konsensus internazzjonali li r-riskji finanzjarji sistemiċi fl-istituzzjonijiet finanzjarji kollha, u mhux biss fil-banek, għandhom jiġu mmonitorjati bir-reqqa u indirizzati.[1] Il-kriżi reċenti wriet li kwalunkwe intervent pubbliku sabiex jiġu indirizzati r-riskji f'istituzzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu rapidi u b'rikors minimu għall-fondi mill-kontribwenti. Huwa rikonoxxut b'mod ġenerali li qafas ta' rkupru u riżoluzzjoni għall-UE kollha huwa meħtieġ b'mod urġenti għas-CCPs. Anki il-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB), grupp internazzjonali ta' livell għoli ta' regolaturi li jaħdem taħt il-patroċinju tal-G20 għal riforma tax-xenarju regolatorju finanzjarju wara l-kriżi u biex jindirizza r-riskji emerġenti, ta' prijorità lil din il-ħidma. Il-mudell tan-negozju tas-CCPs jimplika konċentrazzjoni sinifikanti ta' riskji finanzjarji, primarjament mill-banek bħala l-akbar utenti tagħhom, iżda wkoll minn atturi finanzjarji oħra. F'suq globali u tal-UE integrat, dan il-mudell huma fin-natura tiegħu transfruntier. Barra minn hekk, l-importanza sistemika tas-CCPs żgur li se tkompli tiżdied minħabba l-impenn tal-G20 li d-derivattivi barra l-borża (OTC) jiġu kklerjati permezz ta' CCPs, ħaġa li tittrasferixxi r-riskji inerenti f'dawn l-istrumenti 'l bogħod mill-banek u tikkonċentrahom fis-CCPs u li tiżgura mmaniġġjar tar-riskji tagħhom b'mod ċentralizzat. Filwaqt li l-falliment ta' CCP huwa event bi probabbiltà żgħira li jseħħ, tali falliment jista', minħabba l-pożizzjoni ċentrali tagħha fis-swieq u b'mod partikolari r-rabtiet diretti mal-banek, jikkawża kontaġju mifrux fis-sistema finanzjarja jekk ma jiġix ġestit b'mod ordnat. Għaldaqstant, hemm bżonn ta' qafas leġislattiv li jagħti s-setgħa lill-awtoritajiet rilevanti jindirizzaw dan ir-riskju għall-istabbiltà finanzjarja billi f'każ ta' theddida ta' falliment sistematiku, jirristrutturaw u jwettqu stralċ tal-operazzjonijiet ta' CCP b'mod ordnat. Barra minn hekk, il-miżuri leġiżlattivi għandhom jipprovdu inċentivi għall-immaniġjar sod tar-riskji tas-CCPs u jipproteġi kemm lill-klijenti tal-banek kbar li jużaw is-servizzi tal-ikklerjar tas-CCPs kif ukoll lill-kontribwenti minn telf kbir f'każ ta' riżoluzzjoni. |
| **X'inhu mistenni li tikseb din l-inizjattiva?** |
| Il-leġislazzjoni l-ġdida għandha tiżgura li s-CCPs ikunu ppreparati aħjar sabiex jirkupraw minn diffikultajiet finanzjarji u tipprovdi lill-awtoritajiet rileventi b'setgħat ġodda biex jirkupraw jew jirrisolvu malajr CCPs li jkunu qed ifallu jew li x'aktarx se jfallu, sabiex jippreservaw il-funzjonijiet kritiċi tagħhom filwaqt li jwettqu stralċ ta' operazzjonijiet oħra. Filwaqt li r-Regolamentazzjoni tal-UE li tirregola l-funzjonament tas-CCPs[2] diġà ġabet titjib maġġuri fil-ġestjoni prudenzjali, din l-inizjattiva se tikkontribwixxi għal aktar titjib fl-istabbiltà finanzjarja permezz tat-tfassil u tal-armonizzazzjoni tal-għodod tal-prevenżjoni u tar-riżoluzzjoni tal-kriżijiet madwar l-UE kollha. L-ispeċifiċità tas-CCPs u l-qafas regolatorju eżistenti se jitqiesu b'mod xieraq meta jitfasslu dawn l-għodod sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni u tiġi żgurata l-proporzjonalità. |
| **X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?** |

[1] Ara pereż. l-ittra tal-President tal-Bord tal-Istabbiltà Finanzjarja tal-Ministri tal-Finanzi u tal-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20: "Financial Reforms – Finishing the Post-Crisis Agenda and Moving Forward" (February 2015). http://www.financialstabilityboard.org/wp-content/uploads/FSB-Chair-letter-to-G20-February-2015.pdf

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet ("EMIR").

Is-swieq finanzjarji tal-UE huma integrati ħafna. CCPs awtorizzati jistgħu jipprovdu s-servizzi tagħhom f'pajjiż oħra, u għaldaqstant, il-falliment ta' CCP ikun jimplika effetti konsekwenzjali bejn l-Istati Membri. Il-frammentazzjoni tas-Suq Uniku tal-UE fil-kriżi reċenti turi b'mod ċar il-periklu li wieħed joqgħod esklussivament fuq ir-reġimi nazzjonali diverġenti biex jimmaniġġaw il-falliment ta' istituzzjonijiet finanzjarji b'firxa transfruntiera. Għalhekk, qafas Ewropew għall-irkupru u għar-riżoluzzjoni tas-CCPs jiżgura ġestjoni tal-kriżijiet aktar effikaċi u inqas frammentazzjoni tas-suq. Dan għandu jrawwem eżekuzzjoni kkoordinata tal-azzjonijiet bejn l-Istati Membri, kundizzjonijiet ekwi għall-istituzzjonijiet ikkonċernati u trattament ugwali tal-proprjetarji, tal-kredituri u tal-konsumaturi tagħhom. B'dan il-mod ir-regoli prudenzjali eżistenti nazzjonali u tal-UE se jissaħħu wkoll bil-qafas tal-UE għall-irkupru u r-riżoluzzjoni.

## B. Soluzzjonijiet

**X'għażliet leġiżlattivi u ta' politiki mhux leġiżlattivi tqiesu? Hemm xi għażla preferuta? Għaliex?**

Qafas ta' rkupru u riżoluzzjoni għas-CCPs x'aktarx li jkun jinvolvi li awtorità pubblika tieħu miżuri straordinarji fl-interess pubbliku, possibbilment billi tipprevali fuq id-drittijiet normali tal-proprjetà u billi talloka telf lil partijiet interessati speċifiċi. Għalhekk l-għażliet ta' politiki leġiżlattivi huma preferuti aktar minn miżuri possibbli ta' liġijiet mhux vinkolanti.

**Min jappoġġa liema għażla?**

Abbażi tar-reazzjonijiet tal-partijiet konċernati miksuba permezz tal-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni u d-diskussjonijiet internazzjonali taħt il-patroċinju tal-FSB, hemm kunsens wiesa' fl-industrija u fost l-awtoritajiet li s-CCPs kollha għandhom ikunu suġġetti għal qafas li jippermetti l-irkupru u r-riżoluzzjoni potenzjali ordnati tagħhom f'każ ta' diffikultà finanzjarja serja. Madankollu, il-partijiet interessati għandhom preferenzi differenti fost id-diversi għażliet għall-allokazzjoni tat-telf (6.6), skont kif jiġu affettwati.

## C. Impatti tal-għażla preferuta

**X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella dawk ewlenin)?**

B'kuntrast mas-settur bankarju, is-CCPs ma esperjenzawx problemi kbar matul il-kriżi reċenti. B'konsegwenza ta' dan hemm inqas evidenza empirika biex jiġu kkwantifikati l-benefiċċji ta' qafas ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni għas-CCPs. Madankollu, l-operazzjonijiet transfruntieri u l-konċentrazzjoni tar-riskji tas-CCPs il-kbar jissuġġerixxu li l-implikazzjonijiet ta' falliment diżordinat fuq l-istabbiltà finanzjarja jistgħu jkunu saħansitra akbar milli fil-każ ta' bank ta' importanza sistematika. Barra minn hekk, il-konċentrazzjoni tar-riskji tas-CCP hija mistennija tiżdied b'mod sostanzjali minħabba l-impenn tal-G20 li jimmitigaw ir-riskji għall-parteċipanti tas-suq fi transazzjonijiet bilaterali ta' derivattivi billi jeħtieġu li t-tranżazzjonijiet standardizzati jiġu kklerjati permezz tas-CCPs. Ippjanar aħjar għall-kriżijiet fis-CCPs u setgħat għall-awtoritajiet biex jintervjenu b'għodda standardizzati għandhom inaqqsu r-riskju ta' falliment katastrofiku ta' CCP, li kieku kważi ċertament ikun jeħtieġ salvataġġ mill-Istat bi spejjeż konsiderevoli għall-kontribwenti. Il-prospett ta' rkupru u riżoluzzjoni aktar ordnati tas-CCPs probabbilment se jibbenefika lis-settur finanzjarju b'mod aktar ġenerali, billi jinċentiva ġestjoni aħjar tar-riskji fis-CCPs u tal-iskoperturi tal-banek għas-CCPs.

**X'inhuma l-ispejjeż tal-għażla preferuta (jekk hemm, inkella ta' dawk ewlenin)?**

L-ispejjeż bil-quddiem għas-CCPs se jkunu primarjament fil-forma ta' rekwiżiti ta' ppjanar aħjar u ta' prevenzjoni tal-fallimenti. Dawn se jvarjaw skont id-daqs, l-interkonnettività, is-sostitwibbiltà, u l-kumplessità tas-CCP u jinkludu l-ispejjeż għar-riżorsi umani, it-tariffi ta' konsulenza u legali applikabbli, titjib tas-sistemi u spejjeż ta' riorganizzazzjoni possibbli. Abbażi tal-ispejjeż korrispondenti għall-banek dawn ir-rekwiżiti huma stmati li se jkunu ta' miljuni għall-ikbar istituzzjonijiet u ta' eluf għall-entitajiet iżgħar. Kollox ma' kollox, l-għadd iżgħar ta' CCPs soġġetti għal dawn ir-rekwiżiti u livell aktar baxx ta' kumplessità organizzattiva tagħhom meta mqabbla mal-banek għandhom jinvolvu spejjeż kumplessivi bil-quddiem aktar baxxi. Bħala parti mill-valutazzjoni u mill-iffaċilitar tar-riżolvibbiltà tas-CCPs, l-awtoritajiet jistgħu jeħtieġu lil xi wħud minnhom isaħħu l-karta tal-bilanċ tagħhom jew jissimplifikaw l-istrutturi organizzattivi tagħhom, iżda dawn huma każijiet *ad hoc* u ma japplikawx għas-settur kollu.

**Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?**

Is-CCPs kollha tal-UE jinsabu fl-ambitu ta' din il-valutazzjoni tal-impatt. F'termini ta' impatti indiretti nett, l-SMEs u negozji oħra huma mistennija li jibbenefikaw minn tisħiħ kumplessiv fl-istabbiltà finanzjarja.

**Se jkun hemm impatti sinifikanti** fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Wieħed mill-objettivi prinċipali tal-miżuri proposti huwa biex il-baġits nazzjonali ma jsofrux spejjeż biex jagħtu appoġġ ta' solvenza f'każ ta' falliment ta' CCP.

**Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?**

Jista' jkun meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu miżuri straordinarji fl-interess pubbliku sabiex tiġi evitata theddida ta' paniku finanzjarja f'każ li CCP tkun qed tfalli jew x'aktarx tfalli. Tali miżuri straordinarji jistgħu jipprevalu fuq drittijiet stabbiliti ta' proprjetà. Madankollu, kwalunkwe miżura bħal din għandha tkun konformi mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u, għalhekk proporzjonata, bl-għan tagħha jkun li tippreserva l-valur fl-interess ta' kulħadd u li tħalli lill-partijiet konċernati affettwati f'pożizzjoni li ma tkunx agħar milli kieku s-

| |
|---|
| CCP għaddiet minn proċedimenti ta’ insolvenza. |
| **D. Segwitu** |
| **Meta se tiġi rieżaminata l-politika?** |
| Is-CCPs għandhom jimmonitorjaw il-pjanijiet ta’ rkupru tagħhom u l-awtoritajiet għandhom jimmonitorjaw l-għażliet preferuti tagħhom ta’ riżoluzzjoni sabiex jiżguraw li huma adegwati fuq bażi kontinwa u fid-dawl ta’ kwalunkwe bidla fis-sitwazzjoni tas-CCPs u tal-iżviluppi fis-suq. Il-qafas kollu kemm hu jista’ jkun soġġett għal rieżami wara perjodu ta’ bejn tlieta u ħames snin. |